MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 240/2008

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewwget civilment lill-intimat li hu mill-Marokk fl-20 ta’ Marzu 2002, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument ‘A’;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;
4. Illi dan kien biss zwieg ta' konvenjenza, il-koppja zzewwgu biss ftit gimghat wara li ltaqghu u l-genituri tar-rikorrenti ghadhom sal-lum stess lanqas jafu li binthom hi mizzewwga peress li dejjem hbiet dak li kienet ghamlet, u l-kontendenti lanqas ghexu jum wiehed flimkien wara z-zwieg taghhom u m'ghandhomx tfal, u dan kollu skond ma jirrizulta ahjar mill-istqarrija irrilaxxjata mir-rikorrenti lill-Pulizija Ezekuttiva li qed tigi annessa u markata bhala Dokument 'B'. Illi r-rikorrenti qeghda minn issa stess tikkonferma din l-istqarrija bil-gurament taghha;
5. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-Artikoli 19 (1) (d) u / jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Marzu 2002 huwa null u bla effett kif hawn fuq spjegat;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-esponenti ma jopponix ghat-talba attrici li z-zwieg taghhom ikkuntrattat fl-20 ta' Marzu 2002 ikun ippronunzjat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Tant l-esponent qieghed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni superjuri u savja ta' din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita ta' zwieg peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi fix-xitwa tas-sena 2001 marret mal-genituri taghha u hutha ghand ohtha, li dak iz-zmien kienet toqghod Ghawdex, u hemm hekk iltaqghet mal-konvenut. Dak iz-zmien hija kellha tmintax (18) il-sena u iltaqghet mal-konvenut li hu mill-Marokk. Il-konvenut dakinhar stess stedinha biex imorru jiehdu drink flimkien u ftit wara bdew johorgu flimkien. L-attrici xehdet illi meta bdew johorgu flimkien, il-konvenut kien jippressaha illi kien ser jiskadilu l-passaport u il-visa u kien ser jitkecca minn Malta u ried illi jizzewgu biex ikun jista jibqa jghix Malta. Baqa jippersisti kontinwament li jizzewgu, minkejja il-fatt li hi ma rieditx tizzewweg, izda fl-ahhar cediet ghall-pressjoni tieghu u madwar sitt xhur wara li iltaqghu izzewgu fl-20 ta' Marzu 2002. L-attrici xehdet illi l-konvenut kien wissiha biex ma tghid xejn b'dak li kienet ghamlet lill-genituri taghha u hi bezghat u ma qalet lil hadd

u dejjem qaghdet attenta li ma isirux jafu il-genituri taghha biex ma tinkwetahomx. L-attrici xehdet illi marru ir-Registru Pubbliku u izzewgu u minn hemm baqghet sejra dritt id-dar ghand ommha u missierha Hal-Qormi Malta, u l-konvenut baqa jghix Ghawdex u qatt ma ghexu flimkien wara li izzewgu, lanqas ghal jum wiehed biss. L-attrici xehdet illi lanqas qabel ma izzewgu ma kienu ghexu flimkien, izda kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment, izda wara iz-zwieg ma kellhomx x'jaqsmu flimkien u iz-zwieg mhuwiex ikkunsmat. L-attrici xehdet illi madwar hmistax il-jum wara iz-zwieg, il-konvenut ghamel kuntatt maghha biex tiffirmalu xi dokumenti li kien igorr mieghu go file blu, umbaghad ghosfor u kien jaghmel kuntatt maghha tramite ohtha E, dejjem minhabba dawn id-dokumenti, izda hija umbaghad bdiet tirrifjuta li tiffirma dokumenti ghax bdiet tifhem aktar u aktar kemm il-konvenut kien qieghed juzaha u jinqeda biha. L-attrici xehdet illi ma semghet qatt iktar bil-konvenut, izda umbaghad ghall-habta tas-sena 2007 kien rega cempel lil ohtha E biex tiffirmalu xi dokumenti u hija irrifjutat. L-attrici xehdet illi f'April 2008, giet infurmata minn ohtha E li kienu marru ghandha il-pulizija li ridu ikellmu lilha, jigifieri l-attrici. Hija marret id-dar u sabet lil ommha tibki u qaltilha li kien mar Spettur ghaliha id-dar u kellha tmur tkellmu id-Depot tal-Pulizija. L-attrici marret id-Depot fejn kelmitha l-Ispettur Edel Mary Camilleri, kienet hadet parir minghand avukat u bdiet din il-kawza sabiex iz-zwieg jigi dikjarat null. Hija xehdet illi lill-konvenut qatt ma kienet ratu, hlief waqt dawn il-proceduri fil-Qorti. L-attrici esebiet l-istqarrija li kienet irrilaxxjat lill-pulizija fit-8 ta' Jannar 2008 illi tikkonferma ix-xiehda taghha fil-Qorti. F'din l-istess stqarrija l-attrici stqarret qatt ma kienet habbet lill-konvenut.

Illi xehdet ukoll l-Ispettur Edel Mary Camilleri u qalet illi l-pulizija kienu irtiraw il-freedom of movement lill-konvenut peress illi l-attrici kienet ikkonfermat maghhom illi dan kien zwieg ta' konvenjenza u mhux zwieg veru. L-Ispettur Camilleri xehdet illi mill-investigazzjonijiet taghha, kien irrizultalha illi l-attrici kienet ghadha zghira u lanqas biss ma kienet irrealizzat li kien hemm persuna ta' nazzjonalita barranija involuta illi setghet tigwadanja mis-sitwazzjoni u cioe' mill-fatt illi l-attrici kienet izzewget lill-konvenut.

Illi xehdet oht l-attrici E illi ikkonfermat ix-xiehda illi tat l-attrici.

Illi irrizulta mill-provi kollha li gew prodotti illi omm l-attrici ghadha lanqas taf illi l-attrici kienet izzewget lill-konvenut.

Illi xehed habib tal-konvenut Abdelali G illi qal illi l-konvenut jghix ma certa L illi maghha ghandu tifel. Il-konvenut ma jistax jizzewweg lil L peress illi ghadu mizzewweg lill-attrici.

Illi dan gie ukoll ikkonfermat mix-xiehda illi ta Y Berrad illi jigi hu il-konvenut, kif ukoll minn N G.

Illi xehed il-konvenut u qal illi l-attrici hija oht il-mara ta' huh. Huwa xehed illi kien iltaqa mal-attrici Ghawdex u dak iz-zmien huwa kien coach tal-football, izda kellu problemi dwar il-visa. Il-konvenut xehed illi hu ried jizzewweg lill-attrici, u skond hu wara iz-zwieg kien ikollhom x'jaqsmu flimkien. Kellhom x'jaqsmu flimkien darba minnhom zgur Ghawdex, izda ikkonferma illi l-attrici kienet irritornat Malta wara illi kienu izzewgu u l-unika leave li kienet hadet kien ghal dak in-nofs ta' nhar, biex izzewgu biss. Il-konvenut xehed illi qieghed f'relazzjoni ma mara Maltija u maghha ghandu tifel u qal illi huwa jixtieq jizzewweg lil din L. Dwar l-attrici, huwa xehed illi qatt ma taha manteniment u illi bdew jonqsu hafna id-drabi li kienu jiltaqghu peress illi kienet giet Ghawdex xi darbtejn, jew tlieta biss wara iz-zwieg, u iffirmatlu id-dokumenti tal-"freedom of movement" wara iz-zwieg. Il-konvenut xehed ukoll illi wara li kien izzewweg lill-attrici, kien mar jahdem il-Marokk u dam hemm hekk sas-sena 2006. Huwa ikkonferma li qabel ma telaq minn Malta ir-relazzjoni bejnu u bejn l-attrici ma kienitx tajba u xehed illi qatt ma ghexu flimkien wara li kienu izzewgu.

Illi l-attrici regghet xehdet u qalet illi hi u l-konvenut qatt ma kellhom dar taghhom u qatt ma kellhom hsieb Ii jixtru dar jew jikru dar u jghixu hemm hekk flimkien. Hija xehdet illi qatt ma talbet lill-konvenut biex jikri xi dar u izzewget lill-konvenut biss peress li beda jissikkahha ghax kienet

ser tiskadilu l-visa u ghalhekk ried jizzewwigha. Hija ma xtaqitx tizzewgu, izda fl-ahhar kellha iccedi. Hija qalet illi imhabba bejniethom qatt ma kien hemm.

Illi l-attrici, bhala ragunijiet ghalfejn dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, tat bhala kawzali illi l-kunsens kien ivvizzjat b'difett ta' deskrizzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, peress illi l-kunsens kien ivvizzjat b'simulazzjoni kif ukoll minhabba biza reverenzjali u kif ukoll peress illi il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament l-hajja mizzewga u peress ukoll li xi hadd mill-partijiet rabat il-kunsens tieghu, jew taghha ma kundizzjoni li tirriferi ghall-futur.

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta' diskrzzzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. (Vide sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta' Novembru, 1995.)
Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta' immaturita, izda in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.
Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo, deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1), kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra

tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi inoltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni tqa' l-ulied.
*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irrabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.

Illi l-attrici ikkontendiet illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'simulazzjoni u il-Qorti f'dan ir-rigward rat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subartikolu, il-Qrati taghna dejjem ikkontendew illi l-eskluzjoni posittiva ghaz-zwieg ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens u f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona, deciza fid-9 ta Marzu 2000.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Bonnici vs Bonnici, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Lulju 1982, il-Qorti kienet qalet li biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi oppruvat il-'finis operis' taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' simulazzjoni parzjali u cioe' l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied fost ohrajn.  (Vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta' Ottubru, 1990.)

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali, l-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja.  Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet Magri vs Magri deciza fl-14 ta' Lulju 1994,  "jekk din il-consortium vitae hija nieqsa l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes.  Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta tal-familja".

Illi fil-fatt l-element tal-indissolubbilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi 'iuris tantum' dan l-element ta' indissolubbilta fiz-zwieg.
Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Walshi moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 1995, il-Qorti spjegat xi tfisser li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.
Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Borg Grech moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Awissu, 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem :
"Ghal min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula il-kunsens tieghu."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi illi verament dan huwa kaz klassiku ta' zwieg ta' konvenjenza.

Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi il-verzjoni illi ipprova jaghti il-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, ghaliex mhuwiex minnu illi huwa kellu intenzjoni illi jghix hajja ta' ragel mizzewweg mal-attrici, ghaliex li kieku kien hekk ma kienx ser ihalliha tmur lura Malta ezattament wara illi izzewgu. Il-konvenut stess ammetta fix-xiehda tieghu illi l-attrici hadet biss nofs ta' nhar leave biex tizzewgu u xejn aktar, u ikkollabora ix-xiehda tal-attrici meta qalet illi ratu xi tlett darbiet ohra wara Ghawdex, izda dan kien fuq talba tieghu biex tiffirmalu xi dokumenti minhabba il-freedom of movement. Illi din kienet l-unika raguni illi il-konvenut izzewweg lill-attrici, sabiex ikollu il-freedom of movement biex jibqa Malta. Huwa sab lill-attrici illi kienet tigi oht il-mara ta' huh, kienet ghadha zghira u immatura ferm, beda johrog maghha, kellu ukoll x'jaqsam maghha qabel ma izzewgu u ghamlilha hafna pressjoni biex tizzewgu peress illi l-visa tieghu kienet ser taghlaq u kien ser jitkecca minn Malta, l-attrici hassitha

responsabbli u thassritu, izzewgitu biss ghall-konvenjenza, kif ammettiet ukoll mal-pulizija qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, u irrizulta wkoll ippruvat illi l-genituri tal-attrici lanqas biss jafu illi l-attrici izzewget lill-konvenut.
Illi l-istess konvenut ammetta illi huwa qatt ma ghadda manteniment lill-attrici u irrizulta mill-provi illi l-partijiet lanqas biss kellhom dar fejn setghu jghixu flimkien bhala koppja, la xtraw dar u lanqas biss krewha.
Illi ghalhekk irrizulta ippruvat illi l-partijiet ma kellhom l-ebda intenzjoni illi jghixu flimkien bhala koppja mizzewga, il-kunsens taghhom it-tnejn irrizulta illi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u irrizulta wkoll illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'simulazzjoni totali.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tara illi l-konvenut ma opponix ghat-talba attrici, qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' it-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Marzu 2002 huwa null u bla effett fil-Ligi; Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------